TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Alessandro Farrugia

vs

Alfen Trading Co Ltd.

CCT 25/19/MS

30 ta' Settembru 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-5 ta' Lulju 2019 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna lis-socjeta' intimata thallsu s-somma ta' sitt mjja u tletin Euro, prezz ta' merkanzija mixtrija minghand is-socjeta' intimata, liema merkanzija ma kenitx tal-kwalita' pattwita.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn eccepiet:
Illi in linea preliminari, in-nullita' tal-azzjoni stante li l-isem tal-kummercjant intimat li gie imnizzel fl-avviz tat-talba huwa skorrett u ma tezisti l-ebda entita' guridika bl-isem Alfen Displays'.
Illi subordinament u minghajr pregudizzju, s-socjeta' esponenti tinsab tirrispondi ghat-talba attrici ghaliex tigestixxi n-negozju bl-isem Alfen Displays u ma taqbilx mal-pretensjonijiet attrici li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.
Illi t-talba attrici ghal rexissjoni tal-bejgh ma tistax tintlaqa' stante li hija intempestiva u ma jezistux ic-cirkustanzi u l-elementi necessarji li trid il-ligi sabiex jigi rexiss il-bejgh.
Illi minn kif ser jigi ppruvat, minkejja li l-attur ressaq l-ilment tieghu madwar erba xhur wara d-data tal-akkwist tal-oggetti in kwistjoni, r-rapprezentanti tas-socjeta' esponenti bonarjament offrew lill-attur li jirrimpazzjaw minghajr hlas, il-pole li allegatament kien mibrux, liema rimedju ghandu jitqies bhala wiehed sufficjenti fic-cirkostanzi, u s-socjeta' esponenti ghadha disposta li toffri dan ir-rimedju.
Illi l-fatti ddikjrati mill-attur huma skorretti u konfliggenti ma' korrispondenza tal-attur stess mibghuta lis-socjeta' esponenti.
Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda. Bl-ispjjes kontra l-attur.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament

Ikkunsidra

Illi wara li bdiet il-kawza, ir-rikorrent talab korrezzjoni fl-okkju sabiex l-isem Alfen Displays jinbidel ghal Alfen Trading Ltd. It-Tribunal laqa' t-talba u ordna l-korrezzjoni u s-socjeta' intimata tat ruhha b'notifikata. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata u t-Tribunal ha jastjeni li jiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrent xtara xkaffar, arbli u numru ta' *railings* minghand is-socjeta' intimata li kienu intizi ghal *walk-in-wardrobe*. Ir-rikorrent ighid li talab l-impjegata prodotti li ma jissaddux u ma jitqaxxrux u hi accertatu li l-prodotti ma kienux jissaddu. B'kollox, ir-rikorrent nefaq €630.00. Xtara seba' jew tmien xkafef u meta mar lura sab li tnejn minnhom kienu qed jitqaxxru u mar lura bihom ghand il-hanut u biddilhom. Ftit ta' xhur wara, meta mar biex iwahhalhom sab li arblu minnhom kien tqaxxar u ssaddad u ghalhekk mar lura u talab flusu lura ta' kollox ghaliex ma kienux tal-kwalita' pattwita u ma riedhomx iktar.

Xehdet ukoll Natalina Barbara, li qalet li kienet mar-rikorrent meta xtara l-oggetti. Tghid illi staqsiet lill-impjegata kemm - il darba jekk dawn kienux chrome u jekk jissaddux jew jitqaxxru, u kemm - il darba qaltilhom li ma kienux jissaddu. Qalet li kienu ddecidew imorru ghandhom ghaliex kienu reklamati li huma ta' kwalita tajba u ma jissadux.

Illi min-naha l-ohra, Jaqueline Fenech, impjegata fuq bazi *full-time* fil-hanut Alfen Displays, tghid illi r-rikorrent kien gie il-hanut u talabha *free standing shelving*, u ftit jiem wara, fis-7 ta' Jannar 2019, rega' gie il-hanut ma persuna ohra u dakinhar xtara *clothes rail on wheels* (Dok JF2). Xi granet wara, fil-21 ta' Jannar 2019 rega' gie il-hanut u xtara xkaffef u *poles chrome plated*. Fenech tinnega illi hi qatt tat lir-rikorrent garanzija li ma jisaddux, anzi qalet illi kull min isaqsiha fuq dawn il-prodotti, dejjem tghildilhom illi filwaqt il-materjali huwa b'sahhtu mhuwiex idejali ghal postijiet umduzi. Fenech tghid ukoll illi wara l-bejgh tal-21 ta' Jannar, ir-rikorrent rega' mar il-hanut biex jirritorna wahda mill-ixkaffef lura li skond hu, kienet difettuza. Fil-bidu ta' Mejju, irceviet telefonata minghand ir-rikorrent fejn qallha li ma riedx l-ixkaffar u l-poles ghaliex ma kienux *heavy duty* u ma kienux tal-*istainless steel.* Fl-istess konversazzjoni, r-rikorrenti ilmenta illi l-oggetti li xtara kienu qed jinbarxu, jitqaxxru u bis-sadid u qaltlu biex igibhom lura sabiex tbiddilhom. Dakinhar ir-rikorrent mar il-hanut u gab mieghu biss arblu wiehed minn sittax, li kellu grif u tqaxxir li kien ta' kulur is-sadid, u qaltlu biex thalli l-arblu l-hanut u jgib in-nofs l-iehor sabiex tbiddlu ghall-arblu shih dakinhar stess. Ir-rikorrent irrifjuta u baqa' jinsisti li jrid il-flus lura ta' kollox. Rega' qallha li kienet dahket bih ghaliex il-prodott ma kienx *stainless steel*, fejn Fenech regghet cahdet illi qaltlu hekk ghaliex ma jbiegghux

prodotti tal-*istainless steel.* Meta insista maghha li jixtieq jirritorna l-*items* offrietlu *credit note* tal-istess valur, pero' ma accetax u baqa' jinsisti li jrid flusu lura. Fenech tghid illi l-ilment tar-rikorrent kien limitat ghal xkaffar u arbli u ma kienx jinkludi il-bejgh li sar fis-7 ta' Jannar ghax kien qalilha li r-*railings* ried izommhom.

Xehed ukoll Etienne Fenech, direttur u rapprezentant tal-kumpanija Alfen Trading Company Limited li kkonferma dak kollu li qalet martu Jaqueline Fenech. Zied ighid li kien ircieva ittra minghand ir-rikorrent datat 7 ta' Mejju 2019 (Dok EF1) fejn talab ukoll biex jirritorna l-*cloths rail* li sa ftit qabel ma kellu ebda ilment dwaru. Kellu laqgha mar-rikorrent fejn ir-rikorrent gab mieghu arblu li kien bi hsara (damaged) u kkonferma miehgu li dak kien l-uniku wiehed li kellu l-hsara u Fenech kien offra li jbiddel l-arblu ma arblu iehor shih, pero' r-rikorrent irrifjuta l-offerta u baqa' jinsisti li ried flusu lura.

---

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal huwa sodisfatt illi r-rikorrent mar darbtejn ghand il-hanut - darba fis-7 ta' Jannar u darba fil-21 ta' Jannar 2019. It-Tribunal huwa daqstant sodisfatt illi l-hsara li fuqha ilmenta r-rikorrent kien originarjament fuq zewg xkaffi u fuq arblu li kienu qed jitqaxxru/ jissaddu. L-ixkaffef gew ritornati u midula - fil-fatt ir-rikorrent ighid illi ghadu qed jistenna xkaffa minnhom tasal ghaliex dakinhar ma kienx hemm *in stock.* L-arblu difettuz inzamm mir-rikorrent ghaliex ma riedx ibiddlu ma iehor u ma riedx jitilqu minn idejh biex ikollu prova. Ghalkemm fl-avviz tieghu r-rikorrent qed jitlob li jinghata flusu lura ta' kollox - railing, xkaffar u arbli - l-ammont reklamat jirreferi biss ghas-somma ta' €630.00 li huwa fil-fatt l-ammont imhallas minnu ghall-bejgh li sar fil-21 ta' Jannar 2019 li jinkludi: 8 Pyx Upright Poles, 4 Wanpyx Slanted Shelves u 7 Pux Wired Shelf (Dok JF3). Ghalhekk it-Tribunal mhux ha jiehu konjizzjoni tal-ewwel bejgh tas-7 ta' Jannar li r-rikorrenti lanqas biss irrefera ghaliha fl-avviz.

Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' *chrome plating*, fl-avviz tieghu, r-rikorrent ma jsemmix din il-kelma u lanqas ma jsemmi l-kelma *stainless steel.* Ighid pero' illi l-impjegata tal-hanut qaltlu illi dawn ma jissadux u/jew ma jitqaxxrux. Dan gie nnegat minn Fenech illi qalet illi qatt ma tat din il-garanzija lir-rikorrent ghaliex fil-hanut ma jbieghux prodotti *stainless steel* izda biss *chrome,* li ghalkemm huwa materjal b'sahhtu, pero' mhuwiex stainless steel . Illi fil-brochure esebit li jirreklama l-prodotti tal-hanut, hemm referenza cara ghal '*chrome*' u l-ebda referenza ghal *stainless steel.* Il-kelma *chrome* gieli tintuza minflok *chrome plating*, jigifieri dak li ahna nirreferu ghalih bhala *chrome plated* gieli jissejjah sempliciment '*chrome*' - iz-zewg kliem huma uzati bhala alternattivi ghal xulxin.

*"Chrome is a metal but it is not useful as a solid pure substance. Things are never made of solid chrome. Rather when you hear that something is chrome what is really meant is that there is a thin laywer of chrome, a plating of chrome, on the object ... (ara dok EF5).*

Illi rikorrent imkien ma ighid illi huwa xtaq prodott *stainless steel.* Hemm differenza bejn oggett *stainless steel* u oggett *chrome/plated.* Pero', tajjeb jew hazin, f'Jannar stess, preciz wara li xtara l-oggetti, mar jirritorna zewg xkaffef peress illi skond hu, kienu qed jitqaxxru u kienu msaddin. Dakinhar ir-rikorrent accetta li jbiddel xkaffa minnhom u ighid li ghadu qed jistenna xkaffa ohra tigi minn barra. Dan gie negat minn Fenech, li qalet illi r-rikorrent irritorna xkaffa wahda ghaliex kellha dent zghir u mhux ghaliex tqaxxret. It-Tribunal, hawnhekk ha jaghti ir-rikorrent il-beneficcju tad-dubju. Bhala fatt, pero', wara dik il-guranta, ghal tlett xhur shah ma kien hemm l-ebda ilment min-naha tar-rikorrent u kien biss f' Mejju li ilmenta mas-socjeta' intimata u qalilhom li ma jridx izomm l-oggetti. Ir-rikorrent ighid illi ir-raguni ghad-dewmien kienet ghaliex l-affarijiet kienu ghadhom ppakjati bil-plastic u kien biss xahrejn wara, meta gie biex jarmahom illi ra li ma kienux tajbin. Illi ghalkemm ir-rikorrent ighid li l-affarijiet ma kienux tajbin, effettivament, huwa ighid ukoll illi mill-kaxxa hareg biss zewg arbli u x'hin ra li wahda kienet imqaxxra, ma kompliex jiftahhom.

Ikkunsidra

Illi bhala fatt, wara Mejju 2019 - u cjoe' minn meta r-rikorrent talab li jinghata flusu lura, huwa zamm l-oggetti kollha ghandu. Skond hu, irritorna zewg xkaffef - biddel wahda ma' ohra u ghadu qed jistenna l-ohra tigi minn barra. Ilmenta wkoll fuq arblu li kien qed jitqaxxar. Ma jidhirx illi hemm ilmenti ohra fuq il-kumplament tal-oggetti u r-rikorrent ma gabx prova illi dawn kienu difettuzi. Anzi, r-rikorrent ighid illi lanqas biss harighom mill-plastik u ghalhekk ma jafx f'liema kondizzjoni qeghdin.

It-Tribunal jidhirlu illi ghalkemm konsumatur ghandu jkollu jedd ghar-rexxissjoni tal-kuntratt f'kaz illi l-oggetti mibjughin ikunu difettuzi huwa ghandu jipprova, li l-oggetti huma difettuzi. Fil-kaz in ezami, hareg car illi hlief ghal dawk it-tlett oggetti li ssemma r-rikorrent fl-avviz tieghu (zewg xkaffef u arblu), ma gabx prova li kien hemm hsarat jew ilmenti fuq l-oggetti ohra. Meta r-rikorrent irritorna uhud mill-oggetti f'Jannar, accetta illi jbiddilhom u hemmhekk ezercita dritt tieghu bhala konsumatur li jiehu rimedju ta' rimpjazzar. Ir-rikorrent kellu kull opportunita' u anke obbligu illi jispezzjona l-oggetti kollha l-ohra biex jekk jirrizulta illi dawn kienu difettuzi, ikollu d-dritt jirritorna kollox lis-socjeta' intimata u jitlob ir-rexissjoni tal-kuntratt. Pero', ma'ghamilx hekk. Ghal xi raguni, zamm l-oggetti ghal iktar minn tlett xhur, u llum, iktar minn sena wara, l-oggetti ghadhom ghandu u skond hu, lanqas biss harighom mill-plastic. Jigifieri zgur mhuwiex f'posizzjoni li jghid jekk humiex difettuzi jew le.

Ghalhekk wara li qies ic-cirkustanzi tal-kaz, it-Tribunal jidhilru illi gie ppruvat bla dubju illi arblu minnhom kien difettuz, u li r-rikorrent ghadu qed jistenna xkaffa tigi minn barra. Ghalhekk, ta' dawn ir-rikorrent ghandu dritt li jiehu flusu lura. Ghalkemm mhuwiex car ghal liema xkaffa qed jirreferi (slanted jew wired) r-rikorrent, wara li ra Dok JF3, it-Tribunal ha jiffissa ammont *arbitrio bono viri*.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jordna s-socjeta' intimata tirrifondilu s-somma ta' Sittin Euro (€60.00), bi dritt tas-socjeta' intimata illi zzomm l-ixkaffa in kwistjoni u tiehu lura l-arblu difettuz, wara li jsir id-debitu hlas. Bl-ispejjes tal-kawza ghandhom jithallsu tlett kwarti mir-rikorrent u kwart mis-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru